# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**11 ta' Jannar, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Scicluna LL.D. – Aġent President**
**Onor. Wallace Ph. Gulia LL.D., F.A., F.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A. (Lond)**
**Onor. Stephen Borg Cardona LL.D.**

Joseph Grech

*versus*

Ludgarda Grech

## Użufrutt – Domandi Diretti għall-Otteniment ta' Sempliċi Dikjarazzjoni

*L-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fl-għamla; l-użufruttwarju għandu jgawdi dawn il-ħwejjeġ hekk suġġetti bħala missier tajjeb tal-familja. Jekk hu jinqeda ħażin bil-jeddijiet tiegħu l-Qorti għandha dritt skond il-gravità tal-każ tinnomina amministratur.*

*M'humiex vjetati domandi diretti għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjoni, purchè dawn ikunu preordinati għal domanda oħra definittiva u finali, għalkemm din tkun għadha ma ġietx dedotta f'ġudizzju. Però l-Qorti għandha tkun persważa li l-parti għandha interess titlob dik id-dikjarazzjoni, u li dik id-dikjarazzjoni hekk*

*mitluba tkun tista' tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tkun tista' ssir fil-futur; liema interess m'għandux ikun ipotetiku, imma jrid ikun konkret u jrid ikun jissusisti di fronti għall-konvenut li ġie magħżul bħala leġittimu kontradittur.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi fis-17 ta' Marzu, 1964 miet Philip Grech, missier l-attur u żewġ l-attriċi (lapsus għall-konvenuta); illi b'testment *"unica carta"* tat-30 ta' Jannar, 1959, in atti Nutar Nicola Said il-konvenuta u żewġha ħallew b'titolu ta' legat lil xulxin ċjoè dak li jmut l-ewwel lil dak li jibqa' ħaj u għal tul ħajtu kollha l-użufrutt tal-beni tagħhom kollha mobili u immobbili, korporali u inkorporali, preżenti u futuri eżenti mill-obbligu legali ta' l-inventarju u tal-kawżjoni, bil-fakultajiet li hemm imsemmija fl-istess testment; u peress li kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, il-konvenuta mhix qed tgawdi l-użufrutt bħala *"bonus pater familias"*, billi qiegħda tonqos mill-obbligu tagħha li żżomm is-sustanza ta' l-użufrutt sew fil-materja u kemm fl-għamla, billi anki ħalliet jisfaxxa n-negozju sħiħ li kien jappartjeni lill-eredità tal-mejjet żewġha, u billi żbankat somom bla awtorizzazzjoni; talab li jiġi ddikjarat minn dik il-Qorti: (1) illi l-konvenut fit-tgawdija ta' l-użufrutt imsemmi mhux qed timxi bħala *"bonus pater familias"*, billi qiegħda tonqos mill-obbligu tagħha li żżomm is-sustanza ta' l-użufrutt sew fil-materja u kemm fl-għamla. B'riserva għall-azzjoni tad-danni u azzjonijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha in linea preliminari qalet illi d-domanda attriċi, kif ifformulata, hi insostenibbli, billi hi akkademika u s-sentenza li l-attur qed jispera

li jottjeni fuqha mhux suxxettibbli ta' ebda esekuzzjoni. Fil-mertu, u bla ħsara tal-premess, id-domanda attriċi hi nfondata fil-fatt, billi l-konvenuta assolutament ma naqsitx mill-obbligu tagħha ta' użufruttwarja li tgawdi l-wirt ta' żewġha bħala missier tajjeb tal-familja;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *fit-22 ta' Novembru, 1982, li biha rrespinġiet l-*eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-konvenuta wara li kkunsidrat illi:

*Omissis;*

L-attur qed jallega li l-konvenuta qiegħda tonqos *milli timxi* bħala *"bonus pater familias"* u li qiegħda tonqos mill-obbligi tagħha li żżomm is-sustanza ta' l-użufrutt sia fil-materja kemm fl-għamla. Skond l-artikolu 365 tal-Kodiċi Ċivili l-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fl-għamla; u skond l-artikolu 389 ta' l-istess Kodiċi l-użufruttwarju għandu jgawdi dawn il-ħwejjeġ hekk suġġetti bħala missier tajjeb tal-familja. Il-konvenuta qiegħda tiġi akkużata mill-attur minn infrazzjonijiet ta' dawn l-obbligi kif imsemmija fl-artikoli preċitati;

Skond l-artikolu 416 ta' l-istess Kodiċi Ċivili l-użufrutt jista' jispiċċa apparti l-każijiet imsemmija fl-artikolu 415 anke jekk hu jinqeda ħażin bil-jeddijiet tiegħu sew billi jagħmel ħsarat fil-fondi jew billi jħallihom jitgħarrqu minħabba tiswijiet ordinarji. F'każijiet bħal dawn, il-Qorti għandha dritt skond il-gravità tal-każ tinnomina amministratur jew l-affarijiet l-oħra msemmija fl-istess artikolu 416. Id-domanda kif għamilha l-attur fiċ-

ċitazzjoni hija bbażata fuq l-artikoli fuq ċċitati u għandu l-iskop prattiku u effettiv tagħha. Infatti tista' sservi bħal ma jiġri fil-prattika biex tkun il-bażi għal ġudizzju ieħor;

Fil-ġurisprudenza nostrali dan hu punt li ilu jiġi aċċettat li f'każijiet fejn ikun il-każ tista' tintalab sempliċi dikjarazzjoni. Din f'ħafna drabi sservi biex jiġu evitati aktar spejjeż *lill*-partijiet speċjalment meta tkun dikjarazzjoni ta' responsabbiltà ta' danni, u d-danni jekk jiġu llikwidati jkunu jammontaw għal *somom* konsidervoli. Dan fil-ġurisprudenza tagħna nsibuh ben komuni. Dak li hu neċessarju hu li min jistitwixxi kawża fejn qiegħda tintalab biss dikjarazzjoni jrid bilfors ikollu dritt li jkun qiegħed jiġi vvjolat. Ċertament il-konvenuta ma tistax tgħid fil-każ in eżami li l-allegazzjoni *attriċi mhix* qiegħda bbażata fuq dritt pretiż mill-attur u bbażata fuq il-liġi. Dan il-prinċipju ġie ripetut f'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati u ngħad ukoll basta tali talba għal dikjarazzjoni simili tkun tista' tiġi esegwita kwante volte tkun milqugħa. Id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur f'din il-kawża hi l-konvenuta mhix qiegħda timxi bħala *"bonus pater familias"* billi *żżomm is-sustanza ta' l-użufrutt* sew fil-materja kemm fl-għamla jidher għalhekk li għandha dawn ir-rekwiżiti u għalhekk tista' tiġi pprovduta mill-Qorti;

Huwa fatt li l-konvenuta ġiet bit-testment ta' żewġha mħollija użufruttwarja ġenerali ta' l-assi ereditarji tiegħu u mhux użufruttwarja ta' dan jew dak il-fond biss. Għal din ir-raġuni d-difensur *tal-konvenuta* qed jippretendi li l-artikolu ċċitat mill-attur ma japplikax għall-każ u kwindi, la darba r-rimedju prospettat mhux ottenibbli mill-attur anki f'istanza odjerna tiġi inottenibbli u għandha għalhekk tiġi miċħuda. Irid jingħad però li l-artikolu primarjament ċitat mill-attur huwa l-artikolu 365 u dan jagħti d-definizzjoni ta' l-użufrutt li hu l-jedd reali li wieħed

igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà bl-obbligu li *jżomm* is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fl-għamla. L-artikolu 365 ma jitkellimx kemm fuq l-użufrutt ġenerali kif ukoll fuq dak partikolari llimitat fuq xi fond kif semmiet il-konvenuta u d-dikjarazzjoni mitluba mill-attur hi li l-konvenuta qiegħda tonqos mill-obbligi tagħha li *żżom* is-sustanza ta' l-użufrutt sew fil-materja kemm fl-għamla;

Ikkunsidrat dan kollu l-Qortu waslet għall-fehma li l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta taħt dawn iċ-ċirkostanzi ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha interponiet appell minn din is-sentenza għal quddiem din il-Qorti;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuta li permezz tagħha, għar-raġunijiet fiha esposti, talbet illi din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza hawn fuq imsemmija mogħtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru, 1982, u minflok tilqa' l-ewwel preġudizzjali tagħha u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi kif proposti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li biha, għar-raġunijiet fiha esposti, qal li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż;

Semgħet l-Avukati tal-partijiet jittrattaw l-Appell;

Rat l-atti kollha tal-proċess, u,

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi fil-preżenti istanzi l-attur qed jitlob biss dikjarazzjoni fis-sens illi l-konvenuta, fit-tgawdija ta' l-użufrutt imsemmi, mhux qed timxi bħala *"bonus pater familias"*; u rriserva kull azzjoni tad-danni u **azzjonijiet oħra** lilu kompetenti (sottolinear ta' din il-Qorti). L-attur qed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-premessa li "l-konvenuta qed tonqos mill-obbligu tagħha li żżom is-sustanza ta' l-użufrutt sew fil-materja u kemm fl-għamla", u kompla jiżemplifika billi qal li hija "ħalliet jisfaxxa negozju sħiħ li kien jappartieni lill-eredità tal-mejjet żewġha" u anki "żbankat somom bla awtorizzazzjoni". Imbagħad, l-attur speċifika fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, ppreżentata quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti (fol. 28/29), liema huma dawn l-"azzjonijiet oħra" li huwa seta' jintenta f'każ ta' esitu favorevoli għalih fl-istanza odjerna: u ċjoè (1) jew dik biex jitwaqqaf l-użufrutt, jonkella (2) biex jiġi nnominat amministratur – iż-żewġ azzjonijiet skond l-artikolu 416 (illum fl-Edizzjoni tal-Kodiċi ta' l-1984, artikolu 379) tal-Kodiċi Ċivili. Intant, il-kawża ġiet struwita fuq dan il-binarju, tant li anke llum l-aggravju tal-konvenut appellant huwa fis-sens li l-azzjoni prevista fl-artikolu invokat mill-attur hija applikabbli biss f'każ ta' użufrutt ta' beni **immobbli partikulari** u **mhux ukoll** f'każ ta' użufrutt **tal-beni ġenerali** anki jekk dawn ikunu jinkludu beni immobbli, (bħalma jittratta l-każ odjern);

Illi qabel ma tgħaddi biex teżamina l-implikazzjonijiet ta' l-artikolu 379 tal-Kodiċi Ċivili tħoss li għandha tosserva, kif *del resto* huwa konċess anki mill-appellant, illi m'humiex vjetati domandi diretti għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjoni, purchè dawn ikunu preordinati għal domanda oħra definittiva u finali, għalkemm din tkun għadha ma ġietx dedotta f'ġudizzju

(jiġifieri ma tkunx biss domanda għal dikjarazzjoni merament akkademika, imma li tkun intiża u tista' effettivament tiġi segwita b'domanda oħra li tkun esegwibbli). *Anzi*, skond il-ġurisprudenza tagħna, domandi simili lanqas huma projbiti fid-dritt proċesswali, anki meta d-domanda definittiva u finali ma tkunx tista' tiġi dedotta attwalment, iżda fil-futur (Vol. XXXVI.I27). Però l-Qorti għandha tkun persważa li l-parti għandha l-interess titlob dik id-dikjarazzjoni, u li dik id-dikjarazzjoni hekk mitluba tkun tista' tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tkun tista' ssir fil-futur; liema interess m'għandux ikun ipotetiku, imma jrid ikun konkret u jrid ikun jissussisti di fronti għall-konvenut li ġie magħżul bħala leġittimu *kontradittur*. Għaldaqstant, il-Qorti għandha teżamina u tiddeċidi jekk l-interess a bażi tad-domanda *jirrendix* dik id-domanda ġustifikata u amissibbli fil-konfront tal-konvenut;

Illi dana premess, jjingħad li l-artikolu 379 tal-Kodiċi Ċivili (Ediz. Riveduta ta' l-1984) jipprovdi hekk:

"(1) L-użufrutt jista' jispiċċa wkoll billi l-użufruttwarju jinqeda ħażin bil-jeddijiet tiegħu, sew billi jagħmel ħsarat fil-fondi, jew billi jħallihom jitgħarrqu minħabba nuqqas ta' tiswijiet ordinarji;

"(2) Il-Qorti f'dawn il-każijiet tista', skond il-gravità taċ-ċirkostanzi, minflok ma tiddikjara l-użufrutt mitluf għal kollox, jew taħtar amministratur, inkella tordna li l-beni jintraddu lis-sid, iżda taħt il-kundizzjoni li jħallas kull sena lill-użufruttwarju, jew lil dawk li jkollhom jedd minnu, somma determinata matul iż-żmien ta' l-użufrutt;

"(3) L-użufruttwarju, kif ukoll kull wieħed mill-kredituri

tiegħu, jista' jevita t-telfiet ta' l-użufrutt, il-ħatra ta' amministratur, jew ir-radd tal-beni hawn fuq imsemmija, billi joffri li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa, u billi jagħti garanzija għall-esekuzzjoni ta' din l-obbligazzjoni fiż-żmien li jiġi mogħti mill-Qorti, basta li l-offerta ssir u l-garanzija tiġi mogħtija qabel ma tingħata s-sentenza fuq talba tas-sid, jew fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat'';

Illi jiġi mill-ewwel osservat li dan l-artikolu, flimkien ma' l-artikolu 378 huma nklużi taħt l-istess paragrafu ntitolat ''Fuq kif Jispiċċa l-Użufrutt''; ta' l-ewwel jikkontempla l-każijiet meta l-użufrutt jispiċċa *ipso jure,* tat-tieni (jiġifieri l-artikolu in kwistjoni) meta l-użufrutt jispiċċa *officio judicis.* Huwa sinifikanti li n-nota marġinali ta' l-artikolu 378 hija ''Tmiem ta' l-użufrutt''; fil-waqt li dik ta' l-artikolu 379 taqra ''Tmiem ta' l-użufrutt minħabba li l-użufruttwarju jinqeda ħażin bih''. Fil-fehma meqjusa tal-Qorti, tenut kont ta' dan kollu, u moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet ġenerali rigwardanti l-istut ta' l-Użufrutt (speċjalment l-artikolu 328), dan l-artikolu jirrigwarda t-tmiem ta' l-użufrutt, ikun x'ikun l-oġġett tiegħu, minħabba abbuż tal-jeddijiet tiegħu da parti ta' l-użufruttwarju; u fil-każ ta' fondi mmobiljari partikolari dan l-artikolu jimmitiga l-effett ta' l-użu ħażin da parti ta' l-użufruttwarju tagħhom, skond il-gravità taċ-ċirkostanzi, bil-mod kif hemm indikat fis-subartikolu (2) u (3) ta' l-istess artikolu 379. Mela l-użufrutt jista' jintilef kemm-il darba l-użufruttwarju ma jagħmilx użu mill-jeddijiet tiegħu bħala ''*bonus pater familias*''; u din hija waħda mill-azzjonijiet li l-attur indika bħala li potenzjalment jista' jeżerċita f'każ ta' esitu favorevoli għalih fil-preżenti istanza. Ċertament l-attur, bħala wieħed mill-eredi tal-konjugi Grech, u b'mod partikolari ta' Philip Grech, missieru, għandu interess konkret li jeżerċita l-istess azzjoni;

Illi abbażi ta' dak kollu hawn fuq imsemmi, ftit jista' jkun hemm dubju li l-azzjoni preżenti tista' titqies bħala waħda preordinata għal azzjoni oħra finali u esegwibbli, u ċjoè dik għat-terminazzjoni ta' l-użufrutt illum eżistenti favur il-konvenuta. Inoltre, l-attur diġà rriserva fiċ-ċitazzjoni l-azzjoni għad-danni, u użu ħażin jew abbuż tal-jeddijiet tiegħu mill-użufruttwarju jagħtu wkoll lok għal azzjoni għad-danni;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenuta appellanti, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuta appellanti;

Fl-aħħarnett tordna l-atti tal-proċess jintbagħtu lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni.